# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 29**

**17:30 pm 21 ta' Jannar 2026**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti**

Ħadt

**Ufficċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekkuttiv

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u tnejn u tletin minuta ta' filgħaxija (17:32pm).**

**29.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is-Sindku, Sur Luke Farrugia, informa lill-Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku is- Sur Josef Azzopardi; il-Kunsillier is-sinjur Joseph Cachia u il-Kunsillier is-Sur Anthony Meilaq.

**Il-Kunsill approva l-apoloġiji.**

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 27, liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 28, liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija..

**29.2.1 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 27**

**Il-Kunsillier Joseph Scerri ssekonda. Il-Minuti gew approvati bi tlett (3) voti favur u (1) kontra.**

**29.2.2 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 28**

**Il-Kunsillier Joseph Scerri ssekonda. Il-Minuti gew approvati bi tlett (3) voti favur u (1) kontra.**

**29.3 Korrispondenza**

29.3.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-uffiċċju rċieva korrispondenza elettronika mingħand Maltapost, fejn qed jitolbu lil jżiedu s-servizz ta' Easipak ġewwa il-Marsa u talbu sabiex il-Kunsill jidentifika sit fejn jistgħu jiġu installati lockers bi CCTV Cameras.

**Wara diskussjoni bejn il-membri, l-Kunsill ikkonkluda b'mod unanimu li ma jaqbilx li issiru dawn il-lockers fil-lokalita', għaliex fil-Marsa diġa hemm branch tal-Maltapost**

29.3.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-uffiċċju rċieva korrispondenza elettronika mill-Customer Care tal-Ministeru tal- Artijiet, Kultura u Gvern Lokali rigward talba sabiex terġa' tinżebagħ il-Communial Parking bay li kien hemm fejn Maltapost.

**Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie deċiż li jsir kuntatt mal-Customer Care tal-Ministeru u jirreferi sabiex isir kuntatt mal-Kunsill, sabiex jingħata gwida dwar il-proċess neċessarju.**

29.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li waslet korrispondenza elettronika mingħand l-għalliema rsponsabbli mill-kors tal-krafts tal-Millied kien spiċċa u l-parteċipanti wrew ix-xewqa li jkun hemm it-tkomplija ta' dan il-kors.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu li ġaladarba hemm konkorrenza mir-residenti, l-kors jitkompla.**

29.3.4 Is-Sindku informa lill-membri preżenti, li l-uffiċċju rċieva stima mingħand MIB Insurance sabiex il-billboard li juża l-Kunsill, u li jinsab fi Triq Ħal Qormi, jiġi assigurat għas-somma ta' €1,633.27, li ma tinkludix il-prezz tad-duty u l-fee.

**Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti u kien hemm qbil unanimu li jintalab rendikont tal-ammont globali, li jinkludi d-duty u l-fees.**

29.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li l-uffiċċju irċieva Ċirkulari SPI/SCI/10/2025 mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali dwar organizzar ta' korsijiet immirati għall-persuna ta l'fuq minn 15-il sena'.

**Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti ġie deċiż li minħabba l-fatt l-binja tal-Kunsill mhiex attrezzata biex isiru korsijiet, qabel li ma japplikax għal tali skema.**

29.3.6 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li l-Uffiċċju tal-Kunsill ircieva korrispondenza elettronika mid-Diviżjoni għall- Gvern Lokali li l-applikazzjoni SPI/SCI/05/2026 – Finanzjament Karnival 2026 ġiet aċċetata.

29.3.7 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li l-Uffiċċju tal-Kunsill irċieva ittra ta' diżapunt li l-Marsa qedgħa parti mir-reġjun nofsinhar u mhux mar-reġjun port.

**Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu li dan is-suġġett jitpoġġa fl-Aġenda fil-laqgħa li jmiss sabiex issir talba formali lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex il-Marsa jiġi rikonoxxut bħala parti mir-Reġjun Port.**

29.3.8 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Uffiċċju irċieva korrispondenza elettronika mingħand il-Marsa Football Club, fejn spjegaw li l-klabb kien għaddej minn perjodu diffiċli minħabba li s-Segretarju tal-klabb kien imsiefer u l-President kien wasal biex itemm il-kariga tiegħu. Għal xi raġuni, l-email li ntbagħtet mill-Kunsill dwar in-nominazzjonijiet għall-Ġieħ il-Marsa ġiet injorata. Għaldaqstant, il-klabb qed jitlob lill-Kunsill sabiex jikkunsidra n-nomina tas-Sur Joseph Cauchi f'isem il-klabb.

**Wara diskussjoni mill-membri, ġie deċiż li għalkemm din it-talba ma tistax tiġi kkunsidrata bħala eċċezzjoni, il-Kunsill kien diġà ddiskuta l-kwistjoni u kien ħa deċiżjoni dwarha.**

29.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li kienet waslet korrispondenza mingħand Transport Malta li tawtorizza sitt spazji ta' parkeġġ b'ħin limitat ta' tletin minuta fis-service road ta' Triq Aldo Moro, u li x-xogħol meħtieġ ser jitwettaq mill-awtorità ta' Transport Malta.

**Wara diskussjoni mill-membri, ġie maqbul li tintbagħat korrispondenza bħala tfakkira lill-Perit tal-Kunsill sabiex jerġa' jibgħat l-applikazzjoni f'isem il-Kunsill rigward il-parkeġġ riservat għar-residenti. Dan kif kien intalab f'leġiżlaturi preċedenti tal-Kunsill, sabiex tiġi implimentata t-talba tal-Kunsill.**

29.3.10 Is-Sindku informa lill-membri li waslet talba mingħand il-Pageant Group Marija Reġina sabiex jiġi mistoqsi jekk il-Kunsill għandux interess jirreklama fuq il-billboard, il-booklet u l-midja soċjali tal-għaqda matul iż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa, bi prezz ta' €500

**Wara diskussjoni, il-membri qablu li jaċċettaw li jirreklamaw, skont il-policy tal-Kunsill li tgħid li l-ammont għar-reklamar f'attivitajiet tal-għaqdiet ma jkunx aktar minn €300.**

29.3.11 Is-Sindku informa lill-membri li l-Uffiċċju rċieva email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġie spjegat li l-Lions Club Initiative qed toffri inizjattiva għall-ġbir ta' nuċċalijiet użati, inklużi frames u lentijiet, sabiex jiġu rranġati u mibgħuta lill-komunitajiet fil-bżonn barra minn Malta. Għaldaqstant, meta l-kaxxi jimtlew, dawn għandhom jintbagħtu lir-reġjun rispettiv tal-lokalità.

**Wara diskussjoni, il-membri qablu li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva u li jitqiegħdu l-kaxxi tal-ġbir fl-Uffiċċju tal-Kunsill għall-użu tar-residenti.**

**Kommunikazzjoni mis-Sindku**

29.3.12 Is-Sindku infurma lill-membri preżenti li f'Novembru 2026 kien sejjaħ laqgħa mal-Deputat Kummissarju, is-Supretendent tad-Distrett, l-RIU u l-Ispettur tal-Community Police dwar l-importanza taż-żieda tas-servizz tal-Pulizija fil-lokal tal-Mars

**Is-Sindku nfurma li ġie nfurmat li t-talba tal-Kunsill ġiet milqugħa u f'Jannar ser ikun hemm żieda fl-overtime tal-pulizija sabiex tiżdied il-preżenza fil-lokalita.**

29.3.13 Is-Sindku infurma lill-membri preżenti li l-Community Police telqet mill-binja tal-Kunsill u issa qed joperaw mill-Għassa tal-Marsa. Il-membri tal-Community Police irringrazzjaw lill-Kunsill għall-ospitalità li offriet matul ix-xhur li għaddew, li ppermettilhom li jkomplu jwettqu x-xogħol tagħhom fil-lokal tal-Marsa.

29.3.14Is-Sindku infurma lill-membri preżenti li d-Dipartiment tat-Tindif qed joffri lill-Kunsill 12-il siegħa ta' overtime fil-ġimgħa, over and above il-ħin kif miftiehem fl-MOU bejn id-Dipartiment u il-Kunsill. Is-Sindku nfurma li l-ispejjeż relatati ma dan l-overtime se jinġarru kollha mid-Dipartiment għat-Tindif.

29.3.15 Is-Sindku informa, lill-membri preżenti, li rċieva komunikazzjoni mingħand il-Kuntrattur tad-dawl tal-Milied, dwar id-dewmien tal-mixegħla tat-toroq. Is-Sindku nfurma li l-kuntrattur qal li, peress li t-tender ħareġ tard u l-konferma waslet tard, ma kienx possibbli li l-armar jitlesta u d-dawl jinxtegħel sal-1 ta' Diċembru 2025 kif stipulat fit-tender. Il-Kuntrattur infurma li kien ippjanat li l-mixgħela ssir fl-4 ta' Diċembru 2025, iżda minħabba li kien qed jistenna konferma mingħand is-Sindku, din id-data ma setgħet tinżamm lanqas. Għaldaqstant, ġie ppjanat li d-dawl jinxtegħel fis-6 ta' Diċembru 2025. Il-kuntrattur informa wkoll li fis-sena 2026 id-dawl ser jinxtegħel fl-1 ta' Diċembru kif stipulat fit-tender.

29.3.16 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-uffiċju ġabar stimi sabiex jitranġa il-ħajt ta' Triq Mattew Callus peress li qiegħed fi stat perikoluż. Is-Sindku nfurma li l-Perit tal-Kunsill ikkonferma li l-ħajt jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill. L-ispiża għat-tiswija tal-ħajt kienet stmata €2,124, mill-kumpanija Catbros li kienet l-unika stima li l-uffiċju irċieva.

**Wara diskussjoni il-Kunsill qabel unanimament li ssir il-manutenzjoni meħtieġa skont l-istima.**

29.3.17 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li fi Triq Marsa hemm Palma miżrugħa f'pothole fil-bankina u li hemm ħajt privat fuq wara tal-palma li qed issirlu ħsara b'riskju li jaqa'. L-Uffiċju amministrattiv talab gwida lill-ERA sabiex japprova jekk l-istess Palma tistax tigi maqtugħa u jew maqlugħa. L-ERA nfurmat li m'hemm bżonn l-ebda permessi. Inġabru l-istimi sabiex issir ix-xogħol tal-qlugħ tal-Palma kif ukoll tiswija fuq il-ħajt, liema stima tammonta għal €3,864.50.

**Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li tintbagħat korrispondenza elettronika lill-Perit tal-Kunsill sabiex tingħata kjarifika dwar kemm suppost hi wiesgħa l-bankina fejn tinsab il-palma msemmija fi Triq il-Marsa, kif ukoll sabiex jiġi kkonfermat jekk il-ħajt huwiex proprjetà tal-Gvern jew ta' terzi**

29.3.18 B'risposta għall- mistoqsija f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill tal-Viċi Sindku, is-Sur Josef Azzopardi, is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-istreet lighting tal-proġett tal-GHRC relatat mar-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Parroċċa tat-Trinità, kif ukoll dwar ix-xelter li jinsab fi Triq is-Salib tal-Marsa.

Il-GHRC infurmaw li l-istreet lighting tal-proġett ser ikun imqabbad mal-meter tad-dawl ta' Enemalta, filwaqt li d-dawl u l-ilma tas-sistema ta' irrigazzjoni tal-proġett ser ikunu mqabbda mal-meter li jinsab taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, kif kien miftiehem mal-entitajiet konċernati f'laqgħat preċedenti dwar il-proġett.

Rigward ix-xelter fi Triq il-Marsa, il-GHRC wieġbu li ma għandhomx qisien tiegħu u ma sar l-ebda survey min-naħa tagħhom, peress li bħala entità ma għandhomx interess fl-użu tiegħu

29.3.19 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li, f'żewġ laqgħat preċedenti, kien inqala' diżgwid minħabba stima mingħand il-fornitur Leon Promotion, liema stima ma kinitx waslet għand l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Huwa spjega li l-attività tal-Milied xorta waħda saret, u enfasizza li fil-futur l-istimi kollha għandhom jinġabru u jiġu ppreżentati lill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Dominic Spencer talab lis-Sindku sabiex jitlob lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali biex jagħmel investigazzjoni relata mal-Attivita' tal-Milied 2025 biex jiverifikaw jekk l-attivita' saritx skond il-liġi

Is-Sindku informa lill-Kunsill li aċċetta t-talba tal-Kunsillier Dominic Spencer sabiex issir investigazzjoni mid-Divizjoni għall-Gvern Lokali dwar l-istimi relatati mal-attività tal-Milied 2025.

Wara nuqqas ta qbil bejn il-membri preżenti, l-laqgħa ġiet sospiża u ntemmet fis- sitta u wieħed u erbgħin minuta (18:41) ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Roderick Ebejer |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*